

## Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2006/86/KE, bl-eċċejżjoni tal-Artikolu 10, skada fl-1 ta' Settembru 2007. Għal-hekk, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenut kien għadu ma ħax il-miżuri neċċesarji sabiex jittrasponi d-direttiva jew, fi kwalunkwe każ, ma kienx innotifikahom lill-Kummissjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU L 294 p. 32.

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-8/09)

(2009/C 69/45)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Cattabriga u J. Sénéchal, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

## Talbiet

- tiddikjara li, billi ma adottax il-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/17/KE tat-8 ta' Frar 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ġerti rekwiżiti tekniċi relatai mad-donazzjoni, il-ksib u l-kontroll ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem (<sup>1</sup>), u fkull każ, billi ma kkomunikahomx lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva;
- tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva 2006/17/KE skada fl-1 ta' Novembru 2006. Issa, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenut kien għadu ma ħax il-miżuri kollha neċċesarji għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva jew, fkull każ, huwa kien għadu ma kkomunikahomx lill-Kummissjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU L 38, p. 40.

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju tal-Belġju

(Kawża C-9/09)

(2009/C 69/46)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Cattabriga u J. Sénéchal, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

## Talbiet

- tiddikjara li, billi ma adottax il-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/23/KE, tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem (<sup>1</sup>) jew, fkull każ, billi ma nnotifikahomx lill-Kummissjoni, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva;

- tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/23 skada fis-7 ta' April 2006. Issa, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenut ma kienx ħa l-miżuri neċċesarji sabiex jittrasponi d-direttiva jew, fkull każ, ma nnotifikahomx lill-Kummissjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU L 102, p. 48.

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Jannar 2009 — Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka

(Kawża C-15/09)

(2009/C 69/47)

Lingwa tal-kawża: Iċ-Ċek

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. van Beek, L. Jelínek, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ċeka